**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 187/22 AL

A B C

vs

D B

(MR Numru 544/2001)

Rat ir-rikors tar-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-12 ta' Mejju tas-sena 2001 kif jirrizulta mill anness certifikat markat Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifel li jismhu E B li twieled fis-27 ta' Ottubru 2003;
3. Illi l-istess partijet isseparaw legalment minn ma xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Nathania Tabone datat 29 ta' Marzu tas-sena 2017 hawn anness markat Dok B;

4. Illi l-istess att pubbliku gie redatt aktar minn 5 snin ilu u ghalhekk l-istess partijiet ilhom separati minn ma xulxin ghal aktar zmien minn dak li jiddetermina l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-ligijiet tal' Malta sabiex jkun jista jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg;

5. Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal-rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu u in oltre z-zewg partijiet qed ighixu hajja indipendenti minn ma xulxin;

6. Illi ma tezisti ebda problema ghal hlas ta' alimenti.

7. Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha dega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi l-partijiet nghaqdu fiz-zwieg nhar it-12 ta' Mejju tas-sena 2001;

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifel li jismu E B li twieled fis- 27 ta' Ottubru 2003;

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Nathania Tabone datat 29 ta' Marzu tas-sena 2017;

4. Illi hu ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal- rikors sottomess mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti jikkonferma illi hemm fatti sufficjenti sabiex jissodisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jitlob lil dina l-Onor. Qorti biex tholl iz-zwieg u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li dina l-Qorti jidhrilha gusti u xierqa.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimat qed jitlob umilment lil din il-qorti tilqa` t-talbiet fl-intier taghhom tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda ta’ A B C

Rat id-digriet tagħha tas-26 April 2022;

Rat illi r-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Marzu 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.